

**Manda Galea**

March 6, 2018 -

Jien min jien?
Jien … Jien?
Jien xagħar iswed
Jien għajnejn dlam
Jien ħarsa vojta fuq mera mtappna
Jien SMS u kumment fuq Facebook
Jien post fuq Instagram jew video fuq YouTube
Jien kliem iebes
Jien fuq l-ewwel tarġa tal-bitħa ż-żgħira jew tal-breakwater
Jien ħaddieħor u mhux Manda
Jien?… Jien

Mhux Manda Galea

Like Comment Share



# HAPPY VEGAN GIRL JULES

0:18 / 09:27

## Kif tkun b'saħħtek, ferħan u tgawdi ż-żgħożija, ma' Julia jew Jules

231 views • Oct 04, 2018

---

**HappyVeganGirlJules**

36 Subscribers

SHARE SAVE

Ġieli staqsejt lilek innifsek kif tista' tkun b'saħħtek, ferħan u tgawdi ż-żgħożija? U vera diffiċli jew mhux daqshekk? Dan hu l-YouTube channel għalik: HappyVeganGirlJules.

---

Hello, tfajliet u ġuvintur sbieħ. Jien Julia u dan hu l-ewwel video fuq iċ-channel ta' YouTube tiegħi HappyVeganGirlJules. Nistħajjilkom tistaqsu, Julia jew Jules? Tkunu tafu sal-aħħar ta' dan il-video. Mela, xi ħaġa żgħira fuqi. Jien tfajla ta' tlettax-il sena mill-gżira żgħira ta' Malta. Għalfejn iddeċidejt li naqsam dawn il-videos magħkom? Lanqas naf eżatt. Malta ftit hawn YouTubers, u l-ftit li hawn ma tantx huma xi popolari ħafna. Jien beħsiebni nkun. Barra minn hekk, il-Maltin fuq YouTube li jgawdu kemxejn popolarità, kollha f'kompetizzjoni bejniethom min se jgħawweġ ħalqu l-iżjed bl-Ingliż. Għall-kuntrarju, jien beħsiebni nwassal il-kontenut tiegħi bil-lingwa Maltija. U għalikom minn madwar id-dinja li ma tifhmux il-Malti? Tinkwetawx, hawn taħt fuq l-iscreen għandkom is-subtitles bl-Ingliż.

Fuq dan iċ-channel, m'hawnx reċti, skripts miktuba minn qabel jew imitazzjoni ta' persuni oħrajn, jien beħsiebni nkun jien. Intom jistħoqqilkom ħafna iżjed minn hekk. Intom jistħoqqilkom il-verità, u jien beħsiebni nagħmel hekk billi nkun quddiem il-kamera l-istess Jules ta' meta ma nkunx. Kif jgħid il-Malti, "Kif tarani pinġini." U hawn fejn se jibdew il-problemi għas-subtitles, kif nibda nitkellem bl-idjomi Maltin.

Imma issa ejja nitkellmu daqsxejn fuq il-kontenut. Kull ġimgħa se nibda nippowstja video ġdid fuq dan iċ-channel. Dawn il-videos se jkunu varjati ħafna. Daqqa se nsajru flimkien xi ħaġa healthy — u vegan, importanti — daqqa se naqsam magħkom xi esperjenzi minn tiegħi, u drabi oħra se nħalli lilkom tiddeċiedu xi triduni nagħmel. Tistgħu tibdew issa tgħiduli x'tixtiquni nagħmel billi tikkummentaw taħt dan il-video. L-għan ta' dan il-YouTube channel hu li flimkien nikbru f'saħħitna u ngawdu kemm nifilħu f'dan iż-żmien — għax ejja nkunu sinċieri, mhux daqshekk faċli li tkun teenager fiż-żmien tagħna. Għandna ħafna influwenzi ġejjin minn kullimkien. X'se taqbad tagħmel? Lil min se taqbad temmen? Kemm għandek tiekol biex tkun milqugħa f'soċjetà ċkejkna ta' skola sekondarja? X'għandek tilbes? Kif għandek tidher? U dan mhux biss għalina l-girls ta, imma anki għalikom il-boys. Tinsewx li daqskemm intom tiflu lilna, aħna niflu lilkom.

Ma nixtieqx inżomm dan il-video fit-tul għax bħala l-ewwel wieħed nixtieq li jkun introduzzjoni ċkejkna tiegħi. Għalhekk ngħaddu għall-mistoqsija li wegħedtkom li se nirrispondi fl-aħħar ta' dan il-video. Julia jew Jules? Biex ngħidilkom il-verità, mhux li daqshekk jimporta. Ħlief għal

ommi u missieri ovvjament, għax dan l-imbierek isem hu l-kaġun tal-maġġoranza tal-ġlied bejniethom. Għax ommi vera tiddejjaq meta missieri jsejjaħli Jules quddiem in-nies u l-argument dejjem jibda billi tenfasizza li kieku riedet li jsejħuli Jules, kienet issemmini hekk mill-ewwel. Imma tinkwetawx, ommi ma tidħolx YouTube allura tistgħu ssejħuli li tridu għax mhux se tkun taf. Lili ma tagħmillix differenza jekk issejħulix Julia, Jules jew b'mitt elf isem ieħor.

Jekk għoġobkom dan il-video, tinsewx tagħfsu like u l-buttuna tas-subscribe ħalli ma titilfux video milli ntella'. Saħħa, inħobbkom u narakom dalwaqt.



**KEMM HI SABIĦA**, perfetta. U taf titkellem ukoll. Ma nistax nieqaf inħares lejn l-iscreen tal-laptop imqammel li għandi quddiemi. Ma nistax nieqaf inħares lejha. Tant kemm-il darba rajtu dal-video li l-buttuna vleġġa fil-forma ta' ċirku ddur fuqha nnifisha għoddni kissirtha. Min jismagħni, jaħseb li l-video qiegħed idur fuqu nnifsu f'rutina eterna.

Niftakar darba minnhom kont qed inqalleb fil-videos ta' YouTube forsi nsib xi informazzjoni fuq Dun Karm, ħabba l-assignment tal-Malti, u f'salt — flok nirriċerka qassis sibtni niċċassa lejn qaddisa. F'ħakka t'għajn insejt lil Dun Karm bil-poeżiji kollha li kiteb u ħlief lilha ma bdejtx nara. Dawk l-għajnejn żoroq, xofftejn midluka ħomor, xagħar bjond kemxejn immewweġ għal fuq l-ispalla, u leħen kemm kemm baxx imma mhux baxx iżżejjed. Timbru perfett li jixraq għal ma' persuna perfetta. Jekk ikollok tistaqsini x'laqatni fiha ma nafx inwieġeb. Forsi n-natural ħelu tagħha, jew il-makeup sempliċi b'linja lapes skura taħt għajnejha, jew ġisimha ma fih xejn taħt qmis bajda mfettħa marbuta b'ċintorin irqiq taħt is-sider u magħluqa sal-għonq. Forsi fiha

laqatni dak kollu li jien m'għandix. Il-kunfidenza, l-istatura, l-għażla tal-ilbies, ix-xagħar isfar, il-vuċi partikolari, l-għajnejn kbar u vasti daqs l-ibħra. Iva, f'Jules għoġobni dak kollu li jien m'għandix. F'Jules għoġobni kollox għax jien m'għandi xejn. Kunfidenza żero, statura għadma, ilbies imqammel, xagħar iswed, vuċi ddarras u għajnejn kulur id-dlam. Nixtieq inkun bħal Jules.

Qiegħda nħossni ossessjonata. Kif nagħlaq għajnejja nara lilha, hemm tħares lura lejja minn ġol-ħġieġa ċatta tal-laptop. Niekol u nimmaġinaha bilqiegħda bejni u bejn ommi mal-mejda tal-ikel tirrakkontalna fuq kemm qed iwaqqfuha nies fit-triq jawgurawlha. L-iskola nħossha fis-siġġu ta' ħdejja, tħarisli minn taħt, waqt li s-Sur Buttigieg ikun qiegħed jispjega l-alġebra li 'qas hu stess ma jifhem. Anki meta nidħol ninħasel tkun hemm. Kif niftaħ għajnejja minn taħt l-ilma jagħli nsibha hemm tħares lura lejja, sfukata qalb il-fwar li jtappan il-mera. Bla makeup u b'xagħarha għasra mwaħħal ma' wiċċha u għonqha, imma xorta sabiħa. Ilni ma nħossni daqshekk eċitata u ferħana ma nafx kemm. Qed inħoss li Jules se tibdilli ħajti. F'temp ta' jumejn iżżommli kumpanija, inħossha li mlietni bil-pożittività. Irrid nitbissem iżjed, irrid noħroġ u ngawdi l-ħajja, irrid nagħmel minn kollox biex nidher sabiħa.